**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Anthony Zammit**

Numru: 23/2011

Illum 5 ta' Lulju 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Zammit,** ta' erbgha u hamsin (54) sena, iben Saviour u Jane nee' Apap, imwieled Xaghra, Ghawdex, nhar l-10 ta' Frar 1957 u joqghod fil-fond 6, Triq Ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8757(G);

F'isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie akkuzat talli fis-27 ta' Jannar 2010, wara intervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana f'pompa tal-petrol gewwa l-Imgarr, Ghawdex, instab li xjentement kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu,

kif ukoll laqa' ghandu, zamm jew kellu b'xi mod x'jaqsam fil-garr, twarrib, habi jew depost ta' 7,592 litru *gas oil* bla dazju, u dan bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern ta' Malta minn Dazju u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqu, u jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-*gas oil*. Dan il-*gas oil* ghandu valur ta' €2,621.52, Dazju tas-Sisa ta' €2,675.42 u kif ukoll Taxxa fuq il-Valur Mizjud li jammonta ghal €953.44;

Dan bi ksur tal-artikoli:

i) 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998);
ii) 62 (a) (c) (f) (g), (h), (i) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37;
iii) U kif ukoll Artikoli 16 (1) (j) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382, tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli l-imputat sar recediv skont sentenzi tal-Qorti li ghaddew in gudikat, wahda datata 24 ta' April 2009 moghtija mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera u l-ohra datata 4 ta' Mejju 2007 moghtija mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imhallef David Scicluna;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-ahharnett din il-Qorti qed tigi mitluba wkoll illi f'kaz ta' htija tordna l-konfiska tal-*gas oil* inkwistjoni kollu.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' April 2017 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni baqghet ma pprezentatx s-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakolta' taghmel hekk.

Rat illi d-difiza pprezentat s-sottomissjoni taghha bil-miktub fid-19 ta' Gunju 2017.

**Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.**

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-proceduri penali gew inizjati fil-konfront tal-imputat permezz ta' zewg *letters to prosecute*, wahda mid-Dipartiment tad-Dwana, u l-ohra mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dan in konnessjoni ma' bejgh ta' diesel fis-suq mhux konformi mal-ispecifikazzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti dwar il-kwalita tal-karburanti.

Illi f'Jannar 2010 ingabru tlett kampjuni ta' diesel f'zewg okkazzjonijiet separati minn spetturi tal-Awtorita Dwar ir-Rizorsi mill-pompa tal-petrol licenzjata f'isem l-imputati bl-isem ta' Salvu Zammit Service Satation, 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex.

**Xhieda**

F'dan il-kaz xehdu sittax (16)-il xhud:

Emanuel Darmanin (a fol. 12 et seq.), Joseph Borg (a fol. 15 et seq.), Mario Cini (a fol. 18 et seq.), Lawrence Cutajar (a fol. 23 et seq.), Anthony Fenech (a fol. 26 et seq.), Ray Caruana (a fol. 30 et seq.), David Gauci (a fol. 33 et seq.), Angelo Pace (a fol. 42), Dr. Andre Buttigieg (a fol. 95 et seq.), Profs. Alfred Vella (a fol. 100 et seq.) u (a fol. 124 et seq.),

l-imputat Anthony Zammit (a fol. 138 et seq.), Chris Cini (a fol. 156 et seq.), Michael Zammit (a fol. 177 et seq.), Chris Cini – riprodott (a fol. 186 et seq.) u Tarcisio Azzopardi (a fol. 197 et seq.).

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

**Preliminari**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha. Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha

magħluqa.  Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti.  Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

F'kull kaz pero, stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.  Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabbilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u l-Artikoli ndikati mill-Avukat Generali u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali kunflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem:**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk

il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Il-principju *ne bis in idem***

Id-difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha eccepit illi l-akkuzi mahruga fil-kaz odjern huma bi ksur tal-principju tan-***ne bis in idem***, u dan peress illi l-imputat diga gie akkuzat f'kawza separata[1], li llum ghaddiet in gudikat, b'akkuzi naxxenti mill-istess fatt, u cioe` mit-tehid u l-analizzar tal-kampjuni mehuda mill-pompa tal-petrol tieghu nhar is-27 ta' Jannar 2010.

Id-difiza ssostni li l-imputat gie akkuzat darbtejn abbazi tal-istess kampjuni "jinghad illi fejn fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Michael u Anthony Zammit** gie akkuzat ukoll huh, din id-darba, l-imputat gie akkuzat wahdu, meta l-akkuzi huma naxxenti *mill-istess ispezzjoni* u *mill-istess kampjuni* li *ttiehdu fl-istess data* tas-27 ta' Jannar 2010, *mill-istess post*."

Fil-qasam tad-dritt penali huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-*ne bis in idem*, "The criminal action is extinguished ... when

[1] Din is-sentenza tinsab esebita fil-kaz odjern a fol. 207 tal-process, fl-ismijiet **Pulizija vs Michael u Anthony Zammit**, fejn l-imputat flimkien ma` huh, kien gie akkuzat fuq kampjuni li ttiehdu wkoll mill-pompa ta` Shore Street, Mgarr, fl-istess data tal-kampjuni mertu tal-kaz odjern, cioe` is-27 ta` Jannar 2010.

there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act."[2] Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Alfred Fenech** deċiż fis-26 ta' Ġunju 2014 intqal:

> **"Il-Qorti ezaminat id-differenzi sottili illi hemm bejn il-Kodici Kriminali u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Filwaqt illi l-Kodici Kriminali jitkellem ghall-istess fatt li jkun suggett tal-kawza l-ohra, il-Kostituzzjoni ta' Malta titkellem dwar l-istess reati 'li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat ...'. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fuq imsemmija kontra George Azzopardi [23 ta' Jannar 2014] qalet: 'L-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghal akkuzi li dwarhom già ghadda in gudikat jekk l-akkuzi godda setghu jigu inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza.' M'hemmx dubbju illi l-akkuzi odjerni huma alternattivi ghall-akkuzi originali li taghhom l-appellat kien digà misjub hati u l-istess provi illi ngabu f'dik il-kawza jistghu jingiebu f'din il-kawza sabiex il-Prosekuzzjoni jkollha success fil-kawza taghha u dana huwa proprju l-argument illi ngab fil-kawza irrapportata mill-ewwel Qorti 'Sua Maesta il Re versus Agatha Mifsud u Carmelo Galea' (15.6.19.18) fejn intqal fost affarijiet ohra 'The true test by which the question whether such a plea is a sufficient bar to any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first.'"**

[2] App. Krim. Inf. 15.11.1941 fil-kawża fl-ismijiet Giuseppe Baldacchino vs Giuseppe Buhagiar (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija (Spettur Maurice Curmi) vs Anthony Migneco**[3] tad-19 ta' Gunju 2014, fejn gie trattat il-principju tan-*ne bis in idem*. Dan il-kaz kien jittratta akkuzi fir-rigward ta' evazjoni ta' VAT, fejn l-imputat Migneco kien gie akkuzat darbtejn fuq l-istess fatti. Din is-sentenza spjegat kif biex tissussisti l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem*, irid ikun hemm akkuzi naxxenti mill-istess fatt, u li dan wiehed jasal ghalihom, fost l-ohrajn, billi jara s-sentenza li biha jkun gie lliberat jew kundannat l-imputat qabel, billi jigu zgurati l-*particulars* tal-imputat, u li l-perjodu tal-akkuzi jkun l-istess.

Fil-kaz odjern, is-sentenza li biha l-imputat flimkien ma' huh gew liberati jidher car li l-imputat huwa l-istess, u jidher car ukoll illi l-akkuza nharget f'dak il-kaz ghax-xahar ta' Jannar 2010, filwaqt illi fil-kaz in dizamina, l-akkuza nharget ghas-27 ta' Jannar 2010. L-akkuzi fiha huma bbazati *in parte* fuq il-kampjuni li ttiehdu mill-pompa tal-*petrol* nhar is-27 ta' Jannar 2010, u cioe' fuq l-istess kampjuni li jiffurmaw il-bazi tal-kawza odjerna.

Konsegwentement l-eccezzjoni tal-imputat ta' *ne bis in idem* in kwantu tolqot l-imputazzjonijiet migjuba kontrih qed tiġi milqugħa izda din il-Qorti xorta se tidhol fil-mertu ta' dan il-kaz u tara jekk il-Prosekuzzjoni kelliex bazi fuq x'hiex isserrah biex tinstab htija fil-konfront tal-imputat.

[3] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (Mag. Consuela Scerri Herrera) Kaz. Nru. 274/2010

## It-tehid tal-kampjuni

Il-Qorti taghmel referenza u tikkwota mis-sentenza li tat il-Magistrat Edwina Grima llum Imhallef li tippresiedi l-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza l-**Pulizija vs Michael Zammit et.** deciza fid-9 ta' Mejju 2013:

> Kwindi fl-atti din hi l-uniku prova li hemm ghar-rigward tal-livell ta' kontaminazzjoni ta' kubrit fid-*diesel* li kien kien hemm mahzun fil-pompa tal-petrol ta'l-imputati u li kien qed jigi offrut ghal bejgh fuq is-suq. Dawn il-kampjuni jingabru mill-ispetturi ta' l-Awtorita, jigu issigillati u mghoddija lill-laboratorju Saybolt sabiex isiru l-ezamijiet mehtiega. Ma jidhirx li meta isiru dawn l-ezamijiet ikun hemm prezenti xi rapprezentant ta' l-Awtorita jew inkella sid il-pompa tal-petrol minn fejn il-kampjun ikun gie elevat. Illi l-ispetturi jelevaw tlett samples, wiehed jinzamm minn sid il-pompa, l-iehor jigi mghoddi lill-laboratorju biex isir l-ezami fuqu u iehor jinzamm mill-Awtorita sabiex jekk jintalab li isir xi ezami iehor indipendenti dana ikun possibbli. Kwindi ma hemm l-ebda kontroll fuq il-mod kif isir l-ezami u fuq liema kampjuni ikun qieghed isir. L-ispetturi lanqas ma jiehdu notament dwar il-persuna li maghha ikunu thallew dawn il-kampjuni u min ser jaghmel dawn l-ezamijiet. Fil-fatt ghalkemm il-prosekuzzjoni ressqet tlett impjegati li jahdmu mas-Saybolt u jaghmlu dawn it-tip ta' ezamijiet, madanakollu l-ebda wiehed minnhom ma seta' jikkonferma fic-cert illi kien hu li fizikament ghamel dawn l-ezamijiet kimici.[4] Illi ghalkemm l-Awtorita izzomm kampjun iehor apparti dak li jigi ezaminat, dana l-kampjun qatt ma gie esebiet in atti sabiex il-Qorti tkun tista' taghmel skrutinju hija stess, izda gie esebiet biss kontenitur vojt li huwa *sample* tal-kontenituri li jintuzaw mill-ispetturi ta' l-Awtorita' biex jinhazen is-*sample* tad-*diesel* go fih meta jigi elevat il-kampjun. Illi di piu' jidher illi dawn il-kampjuni "extra" jinzammu fil-laboratorju tas-Saybolt u l-Awtorita thallas lil dana il-laboratorju ghal dina il-hazna.
>
> Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza indikat sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza fl-24 ta' Settembru 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renard**

[4] Ara xhieda ta' David Gauci, Robert Camilleri u Andrew Gauci

**Cassar** fejn il-fattispecje ta' din il-kawza kienu identici ghal dik in dizamina. Il-Qorti stqarret:

**"Minn dawn il-provi fuq riassunti jemergi li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh kollu kemm hu fuq ir-rizultat tal-analizi li ghamel David Gauci bhala analista tal-kumpanija privata Saybolt Malta Limited. Din l-analizi tekniko-xjentifika saret fuq talba tal-Enemalta Corporation wara preljev ta' samples tad-diesel li kien qed jimbiegh mill-pompa gestita mill-appellat. Issa l-istess regolamenti komprizi fl-Avviz Legali 222 tas-sena 2001 jistipulaw li ghall-proceduri mehuda ghall-ksur tal-istess regolamenti ghandhom japplikaw ir-regoli tal-Kodici Kriminali ghall-proceduri kriminali [Reg. 10 (1) (2) ]. Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti *ex parte* imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-*in genere* (art.548 u 549 tal-Kap.9).**

**Issa f' dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analizi li saret minn David Gauci u li jinsab a fol. 11 tal-process seta' biss jigi kompilat b' hila u sengha specjali tal-istess analista w mhux rizultat ta' kostatazzjoni ta' fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti.**

**Konsegwentement, ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova. Li suppost sar f' dan il-kaz kien li, appena l-Enemalta rrizultalha li fis-*samples* mehuda minghand l-appellat kien hemm diesel kontaminat, il-Malta Resources Authority jmissha talbet lill-Pulizija li titlob li tinfetah inkjesta magisterjali biex, permezz ta' periti nominati mill-Magistrat Inkwirenti – kif kien isir fil-kaz ta' tbaghbis mal-*meters* tad-dawl u tal-elettriku – jigi konstatat x' kien is-*sulphur content* tad-diesel prelevat. Dan jista' jsir billi minnflok zewg kampjuni jigu prelevati tlieta, wiehed ghall-analisi preliminari privata tal-Enemalta Corporation, wiehed ghall-persuna li minn ghandu jkun ittiehed il-kampjun u wiehed, okkorrendo, ghall-analisi eventwali minn perit nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan. Seta' wkoll koncepibbilment, fuq talba tal-prosekuzzjoni, gie nominat perit mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz biex, indipendentement mill-analizi li saret minn David Gauci, janalizza l-istess kampjun jekk dan kien ghadu jezisti fil-mori ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ma sarx. Ghalhekk, fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq opinjoni tekniko-xjentifika ta' espert li ma giex nominat bhala perit mill-Qorti".**

Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar ma' dana l-insenjament. Illi l-Avviz Legali 44 tal-2008 fir-regolament 13(4) jinghad:

4) **Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiçi Kriminali, il-procedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti ghandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), skond ma jista' jkun il-kaz, u ghandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jirregolaw il-procedura quddiem dawk il-qrati ta' gudikatura kriminali.**

Dan ifisser illi l-Qorti ma tistax tistrieh fuq opinjoni ta' espert *ex parte* izda ghandha biss toqghod fuq l-opinjonijiet moghtija lilha

mill-esperti nominati minnha sabiex jassistuha. Kwindi l-Qorti ma tistax hlief tiskarta ir-rizultati li hemm fl-atti maghmula mill-laboratorju SayBolt Malta Ltd billi dawn l-ezamijiet saru fuq talba tal-Awtorita ta' Malta dwar ir-Risorzi.

F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni konxja ta' din id-decizjoni tal-Qorti, ghalkemm ma gietx miftuha nkjesta, gie nominat il-Profs. Alfred Vella bhala espert tal-Qorti. Profs. Vella gie awtorizzat jirtira l-kampjun permezz tal-verbal tas-7 ta' Frar 2013[5], aktar minn tlett snin wara li dan il-kampjun ingabar. Il-kampjun effettivament ghadda ghandu, u allura gie taht il-kontroll tal-Qorti, nhar it-28 ta' Marzu 2014, aktar minn erba' snin wara t-tehid tal-kampjun[6]. Fl-assenza ta' inkjesta magisterjali u fl-assenza tal-hatra ta' perit tekniku mill-Qorti qabel tali data, u ezattament mat-tehid fiziku tal-kampjuni mill-post, dan ifisser illi l-kampjun li ezamina l-perit tekniku ghamel aktar minn erba' snin barra mill-kontroll tal-Qorti, u fil-pussess ta' wiehed mill-partijiet f'din il-kawza.

Dan imur kontra l-insenjament kif spjegat fis-sentenzi **Pulizija vs Renard Cassar**[7] u **Pulizija vs Paul Polidano u Marlon Desira**[8], u jinkwadra ezattament fis-sitwazzjoni li nstabet fiha l-Qorti f'dawn iz-zewg kazijiet.

---

[5] a fol. 44

[6] kif jirrizulta mir-rapport tal-Profs. Vella stess a fol. 127

[7] Fis-sentenza **Pulizija vs Renard Cassar**, kien indikata procedura ta` x'kellu jsir f'kaz bhal dan odjern. Intqal illi "*li suppost sar f'dan il-kaz kien li appena l-Enemalta rrizultalha li fis-samples mehuda minghand l-appellat kien hemm diesel kontaminat, il-Malta Resources Authority jmissha talbet lill-Pulizja li titlob li tinfetah inkjesta magisterjali biex, permezz ta` periti nominati mill-Magistrat Inkwirenti....jigi konstatat x'kien is-sulphur content tad-diesel prelevat. Dan jista` jsir billi minflok zewg kampjuni jigu prelevati tlieta, wiehed ghall-analizi preliminari privata tal-Enemalta Corporation, wiehed ghall-persuna li minghandu jkun ittiehed il-kampjun u wiehed, okkorrendo, ghall-analizi eventwali minn perit nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan. Seta` wkoll konceppibilment, fuq talba tal-prosekuzzjoni gie nominat perit mill-Ewwel Qorti f'dan il-kaz biex indipendentement mill-analizi li saret minn David Gauci, janalizza l-istess kampjun jekk dan kien ghadu jezisti fil-mori ta` din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti.*"

[8] Fil-kaz il-**Pulizija vs Paul Polidano u Marlon Desira**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (Mag. Antonio Giovanni Vella), nhar l-24 ta` Novembru 2011 (Kaz

Ir-rapport tal-Profs. Alfred Vella, ghalkemm huwa rapport ta' espert tekniku mahtur minn din l-Qorti, xorta wahda ma jistax iservi bhala bazi ghal sejbien ta' htija, u dan peress illi l-Qorti kienet prekluza bl-aktar mod ampju milli jkollha kontroll shih fuq ic-*chain of evidence*.

*Inoltre,* il-Profs. Alfred Vella analizza l-kampjun f'Jannar tal-2015, hames snin wara li dan il-kampjun gie elevat. La l-Prosekuzzjoni qed tinsisti li dan il-kampjun huwa *gas oil*, allura l-analizi tal-kampjun kellha ssir minghajr ebda dewmien zejjed, u dan skont l-Artikolu 11(1) tal-Leg. Suss. 545.18 ossia l-*Quality of Fuels Regulations*.

Ghandha ragun id-difiza li ssostni li "f'dan il-kaz altru li kien hemm dewmien zejjed, u ghalhekk lanqas huwa cert jekk il-kompozizzjoni kimika tal-kampjun analizzat setghetx inbidlet/iddeterjorat a pregudizzju tal-imputat jew le. Ghalhekk, l-imputat jirrileva illi r-rapport tal-Profs. Alfred Vella ma jistax iservi bhala bazi ta' sejbien ta' htija, ukoll ghaliex il-fatt li damet ma ntalbet il-hatra tieghu, flimkien mal-fatt li sussegwentement kien hemm dewmien ta' hames snin biex janalizza l-kampjun a kuntrarju tal-Ligi stess, u mal-fatt li ma hux car setghetx inbidlet u/jew iddeterjorat il-kwalita' tal-kampjun analizzat, kollha jikkwalifikaw dan ir-rizultat bhala dubjuz. Ghaldaqstant, ma jezistux l-elementi mehtiega ta' prova li tmur lil-hinn minn kull dubju dettat mir-raguni."

---

Nru. 808/2010), gie trattat kaz kwazi identiku ghal dan odjern, intqal illi l-fatt illi l-Qorti ma kinitx involuta sa mill-bidu tal-process, wassal biex "ma kienx hemm kontroll fuq dak li jissejjah 'the chain of evidence'" u dan ghaliex "il-kampjuni mehuda mill-ufficcjali ta` Saybolt ma kinux taht il-kontroll ta` awtorita` independenti u investigattiva". Fl-istess sentenza ntqal: *"Id-diffikulta` li ghandha l-Qorti hi li f'din il-kawza ma saritx l-ahjar prattika fit-tehid u l-preservazzjoni tal-kampjuni mehuda ghall-analizi"*.

Il-possibilita' ta' deterjorazzjoni fil-kampjun tista' tigi kkonstatata mill-atti ta' din il-kawza stess, fejn ir-rizultat mahrug mil-laboratorju Saybolt kien ta' 0.0024% filwaqt li l-Profs. Vella sab rizultat ta' 0.0029%. Fil-kawza fl-ismijiet **Pulizija vs Michael u Anthony Zammit**[9], il-kubrit li nstab kien ta' 0.002%. Il-Qorti tinnota li minn tlett kampjuni mehuda fl-istess gurnata, fl-istess hin, mill-istess post, l-ebda rizultat tas-*sulphur level* ma gie l-istess bhall-iehor.

L-imputat isostni illi d-diesel li huwa xtara minghand l-Enemalta u li kien fit-tankijiet dakinhar tal-ispezzjoni, hemm probabilita' kbira li gie moghti lilu kkontaminat, u li anke setghet saret kontaminazzjoni fit-tank tal-pompa stess minhabba s-sediment li jitrabba minn provvisti li jkunu gew depozitati fit-tank qabel.

Dan iwassal biex il-Qorti ma tqisx l-analizi tal-prodott bhala wahda konklussiva bizzejjed biex wiehed jistrieh fuqha ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija f'kawza kriminali.

**Kunflitt dwar Dazju u VAT**

Illi kif intqal fil-parti dwar il-fatti specie tal-kaz, l-akkuzi kontra l-imputat gew skattati minn zewg *letters to prosecute*, wahda mid-Dipartiment tad-Dwana, u l-ohra mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Id-difiza sostniet li "fir-realta`, l-Enemalta tkun qed

[9] a fol. 207

tigbor id-dazju u l-VAT fuq il-prodott, peress illi l-prezz tal-prodott ikun jinkludi fih id-dazju, u l-VAT ta' 18% imbaghad tigi maghduda fuq dan il-prezz[10]."

Ghalkemm iz-zewg dipartimenti, hargu l-*letters to prosecute* ma kienx stabilit minn fejn gie d-*diesel* li sabu fil-pompa tal-*petrol* tal-imputat. F'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni ma tellghet lil hadd mill-Enemalta sabiex jixhed dwar il-fatti. Id-difiza pprezentat il-fatturi ghax-xahar ta' Jannar 2010 biex juru kif l-imputat hallas dak kollu dovut lill-Gvern fuq il-prodott.

**KONKLUZZJONI**

Il-kompitu ta' din il-Qorti kien li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skont il-ligi.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skont il-ligi.

Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

---

[10] Ara xhieda ta` Chris Cini, prodott mid-difiza, u anke mix-xhieda ta` Emanuel Darmanin a fol. 12, prodott mill-Prosekuzzjoni.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti mhux issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**